# IL-GREMXULA TA' MALTA

*Mark Borg*

Il-gremxul, il-wiżgħa, il-kamaleonte, is-sriep, il-fkieren, u l-kukkudrilli huma kollha rettili. Dawn l-annimali kollha għandhom ġisimhom li m'huwiex kapaċi jsaħħan id-demm tagħhom stess bħal ma jagħmlu l-agħsafar u l-mammiferi kollha, inkluż il-bniedem. Il-gremxula ta' Malta, bħar-rettili l-oħra tiddependi mix-xemx għal dan. Għalhekk il-gremxul narawh jixxemmex fuq xi ġebla, fuq iz-zkuk tas-siġar jew anke fuq xi werqa tal-kappar. Dan jagħmluh fil-għodu kmieni hekk kif iqumu. Malli x-xemx titfa' l-ewwel raġġi tagħha, tarahom ħerġin mix-xquq u t-toqob tal-ħitan jew minn taħt xi ġebla biex isibu l-aktar parti sħuna fl-inħawi fejn ikunu. Din ġeneralment tkun xi werqa jew zokk, peress li dawn huma skuri u għalhekk jassorbu s-sħana aktar malajr minn uċuh aktar ċari. Hemm iqattgħu ħin twil ma jagħmlu xejn ħlief jixxemmxu. F'dan il-ħin huma jkunu qed jieħdu l-enerġija mix-xemx bħalma l-batterija ta' karozza tieħu aktar enerġija mill-elettriku: meta tkun ħadet biżżejjed enerġija tkun tista' tħaddem il-magna u tmexxi l-karozza. L-istess il-gremxul, malli jieħdu biżżejjed sħana mix-xemx ikunu jistgħu jibdew l-attività tagħhom tal-ġurnata. Fil-pront jibdew ifittxu x'jieklu. Huma jieklu annimali żgħar bħal insetti, bebbux, ħnieżer l-art, brimb u xi minn daqqiet, il-gremxul il-kbar jieklu wkoll lil dawk zgħar. Xi drabi huma stess jispiċċaw l-ikel ta' annimali oħra. Annimali magħrufa li jieklu l-gremxul huma xi agħsafar bħall-Merill, l-Ispanjulett u l-Kaċċamendula. L-istess il-Qanfud, il-Ballottra, u s-sriep, u jekk jersqu lejn il-baħar, jafu jsibu xi granċ lest jaqbadhom ukoll. Il-gremxul insibuhom l-aktar fis-sajf iżda dan ma jfissirx li fix-xitwa meta tkun ġurnata bix-xemx, ma joħorġux ukoll. Iżda fix-xitwa billi il-ġranet ma tantx ikunu sħan ma tantx narawhom.

Il-gremxul ibid bajd tond żgħir għall-ħabta ta' April. Dawn ifaqqsu bejn Lulju u Awwissu, u matul dawn ix-xhur wieħed jara numru kbir ta' gremxul żgħir. Il-gremxul iż-żgħir ikollu jikkompeti mal-gremxul il-kbir kemm għall-ikel kif ukoll għall-ispazju fejn jixxemmex. Il-gremxul huwa territorjali, jiġifieri jżommu l-istess post fejn iqatta' l-biċċa l-kbira tal-ħin, speċjalment fejn jixxemmex. Għalhekk iż-żgħar ikollhom joħorġu jixxemmxu fil-għodu qabel il-kbar biex sakemm jaslu biex joħorġu dawn ta' l-aħħar iż-żgħar ikunu ġa saħnu xi ftit, għax imbagħad il-kbar ikeċċuhom mit-territorju tagħhom. Infatti l-gremxul jiddefendi sewwa t-territorju tiegħu u ma jħallix gremxul ieħor jidħol fih.

Il-gremxula tal-gżejjer Maltin tissejjah xjentifikament *Podarcis filfolensis* — filfolensis għax ġiet deskritta għall-ewwel darba mill-gżira ta' Filfla. Biż-żmien l-istudjużi sabu li l-gremxul ta' fuq il-gżejjer l-oħra Maltin, jiġifieri Malta, Għawdex, Kemmuna, il-gżejjer


A. Rolè



# IL-GREMXULA TA' MALTA



N. Fenech / hajr Merlin Library Ltd.



A. E. Baldacchino

△
*Fuq il-Blata tal-Ġeneral tinsab razza oħra ta' l-istess Gremxula.*

◁
*Il-Gremxula li tinsab f'Malta, f'Għawdex u f'Kemmuna.*

△
*Razza oħra tal-Gremxula ta' Malta tinsab fuq Filfla.*

ta' San Pawl, u l-Blata tal-Ġeneral, huma differenti u b'hekk ingħataw ismijiet differenti. Dawk li jinsabu fuq Malta, Għawdex u Kemmuna għandhom l-isem ta' *Podarcis filfolensis maltensis*, dawk ta' fuq il-gżejjer ta' San Pawl *Podarcis filfolensis kieselbachi*, dawk ta' fuq il-Ġebla tal-Ġeneral *Podarcis filfolensis generalensis* u dawk ta' fuq Filfla *Podarcis filfolensis filfolensis*. Ta' min igħid li fuq il-gżejjer ta' Linosa u Lampione, gżejjer żgħar qrib Lampedusa finnofsinhar ta' Malta, insibu wkoll gremxula li tixbaħ lil dawk li jinsabu fuq il-gżejjer Maltin. Din għandha l-isem ta' *Podarcis filfolensis laurentimulleri*. Dawn il-ħames razez ta' gremxul huma razez differenti ta' *Podarcis filfolensis*. Fil-passat, il-gżejjer fejn illum jinstabu kienu magħqudin f'art waħda. Meta nfirdu, il-gremxul tal-gżejjer infirdu wkoll minn xulxin permezz tal-baħar, u għalhekk evolvew differenti. Dawn ir-razez huma differenti kemm fid-daqs kif ukoll fil-kulur. Infatti nsibu li dik ta' Filfla hija l-akbar waħda u l-kulur tal-gremxul raġel huwa differenti minn dak tal-mara. Fil-fatt l-irġiel tista' tagħrafhom min-nisa minn kulurhom. Ir-raġel huwa ħadrani filwaqt li l-mara tkun aktar fil-kannella.

Minħabba ħafna qlajjiet fuq il-gremxul, wieħed jista' jaħseb li fuq Filfla jeżisti gremxul b'żewġt idnub. Din ma hi veru xejn. Ta' min igħid li jekk gremxula tkun attakkata din twaqqa' denbha u taħrab tiġri. Dan tagħmlu biex l-annimali li jattakkawha jitħawdu meta jaraw id-denb maqtugħ jitkagħweġ, u sakemm jiġu f'tagħhom il-gremxula tkun ħarbet. Fil-fatt hu magħruf li l-gremxul iħobb ħafna jċaqlaq denbu. Dan jagħmlu biex jiġbed l-attenzjoni lejn denbu u meta min jipprova jaqbadhom jaħtfilhom denbhom, dan jinkiser u jinqata'. Il-gremxula, li għandha bżonn id-denb biex iżżomm il-bilanċ, ma ddumx ma ttella' denb ieħor, li ħafna drabi jkun iqsar minn dak oriġinali. Xi kultant jiġri li l-ewwel denb ma jinqatax għal kollox iżda jibqa' mdendel. Il-gremxula xorta ttella' denb ieħor u b'hekk tidher qisha għandha żewġt idnub.

Il-gremxul li jinsab fuq Malta huwa komuni, iżda dawk li jgħixu fuq il-gżejjer iż-żgħar jinsabu f'periklu peress li dawn huma limitati għal spazji żgħar: jekk jiġri xi ħaġa fuq dawn il-gżejjer tista' tispiċċa xi waħda minn dawn ir-razez ta' gremxul. Għalhekk jeħtieġ li minbarra Filfla, il-gżejjer l-oħra ta' San Pawl u l-Blata tal-Ġeneral ukoll isiru riservi biex b'hekk dawn il-popolazzjonijiet ta' gremxul jiġu mħarsa. Il-gremxula ta' Malta, bir-razez kollha tagħha hija endemika, jiġifieri tinstab fil-gżejjer Maltin biss u mkien ieħor fid-dinja. Jekk dan il-gremxul jinqered, ikun intilef darb'għal dejjem mid-dinja u mhux mill-gżejjer Maltin biss.

❑